**QORTI CIVILI - PRIM'AWLA**

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum it-Tlieta , 26 ta' Marzu, 2024**

**Kawża Numru: 6**

**Rikors Guramentat Numru:- 216/2021 JVC**

**I)Hugh Attard Montalto id. 150350(M) f'ismu propju u ghan-nom ta' hutu (ii) Angela Tassone id. 15349(M) u (iii) Simone Tassone id. 776854(M) (iv) Marcelline Luppino Passaport Malti 414536 (v) Richard Attard Montalto id. 334856(M) (vi) John Attard Montalto id. 177457(M) (vii) Michael Attard Montalto id. 67260(M) (viii) Hugh Naudi id.**

**711330 (M) (ix) Anthony Attard Montalto id. 631154(M), , (x) Jacqueline Micallef id. 124263(M), (xi) Stephen Attard Montalto id. 253469(M) u (xii) Christine Attard Montalto id. 85559(M)**

**Vs.**

**Alessio Schembri id. 326049(M)**

## Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat fejn ir-rikorrenti talbu kif isegwi:

1. 'Illi l-atturi huma propjietarji tal-gjardina u fond zghir adjacenti ma' din il-gjardina bl-indirizz 230 Sqaq 5, Triq il-Karmnu, Luqa LQA 1330, lie/ma propjeta' giet ghand in-nannu ta' l-atturi John Attard Montalto wara kuntratt ta' divizjoni wara l-mewt ta' Amabile Attard Montalto liema kuntratt ta' divizjoni sar nhar l-20 ta' Awissu 1923 fl-atti tan-Nutar Emmanuele Pio Debono bhala **dok HAM 1A** u liema estratt ghal dak rilevanti ghall-kawza (li huwa parti mill-kuntratt) li qieghed jigi hawn anness bhala **dok HAM 1B** .

2. Illi r-rikorrenti huwa l-prokuratur ta' hutu Angela Tassone u Simone Tassone u kopja tal-prokura qed tigi hawn annessa bhala **dok HAM 1C.**

2. Illi l-fond 230 Triq il-Karmnu Sqaq Numru 5 Luqa, LQA 1330 ilu mikri lil Grezzju Gatt ghal diversi snin u qabel Grezzju Gatt l-fond u l-gjardina kienu mikrija lill-missier Grezzju Gatt, u dan kif jirrizulta mil-*ledger* li qieghed jigi anness bhala **dok HAM 2**;

3. Illi fit-23 ta' Jannar 2021 u/jew xi gurnata qabel, l-intimat Alessio Schembri qabad u beda jaghmel toqba bis-satar ta' l-atturi u bi vjolenza u minghajr il-kunsens ta' l-atturi mill-hajt li jifred il-fond ta' l-istess intimat, mal-gjardina propjeta' tar-rikorrenti liema gjardina tinsab biswit il-fond 230 Sqaq 5, Triq il-Kamrnu Luqa, LQA 1330, u dan kif anki jidher mir-rapport li ghamel Grezzju Gatt (l-inkwilin fil-fond ta' l-atturi) mal-Pulizija Esekuttiva u li kopja tar-rapport qed jigi anness bhala **dok HAM 3**.

4. Illi r-rikorrenti Hugh Attard Montalto, l-amministratur ta' l-atturi, kien talab lill-kugin tieghu Dr Mark Attard Montalto sabiex jassisti lill-inkwilin Grezzju Gatt minhabba din il-kwistjoni, peress li Hugh Attard Montalto kien rikoverat l-Isptar f'dan iz-zmien kif jidher mid-**dokument HAM 4** .

5. Illi Dr Mark Attard Montalto mar fuq il-post sabiex jikkonstata dak li sab nhar is-26 ta' Jannar 2021 u ha diversi ritratti li juru toqba zghira li kien ghamel Alessio Schembri fil-hajt li jifred il-gjardina mal-fond ta' l-intimat, ghal liema toqba Grezzju Gatt kien ghamel rapport mal-Pulizija Esekuttiva fit-23 ta' Jannar 2021.

6. Illi dawn ir-ritratti li ha Dr Mark Attard Montalto fis-26 ta' Jannar 2021 qed jigu hawn annessi bhala **dok HAM 5A sa dok HAM 5C inkluzi**.

7. Illi r-rikorrenti tramite l-avukat Dr Mark Attard Montalto baghat ittra legali data is-27 ta' Jannar 2021 (b'kopja lil Alessio Schembri) u b'kopja lill-avukat Nicholas Debono LLD. Illi din l-ittra qieghda tigi anness bhala **dok HAM 6**.

8. Illi xi granet wara u senjatament fit-28 ta' Jannar 2021, Grezzju Gatt u cjoe' l-inkwilin tal-fond 230 Sqaq 5 Triq il-Karmnu Luqa LQA 1330 inkluz tal-gjardina, sab lill-intimat jiftah bieb ghal fuq il-gjardina kif hemm spjegat fir-rapport tal-Pulizija li qieghed jigi anness bhala **dok HAM 7**.

9. Illi l-imsemmi Alessio Schembri dahal, invada u qieghed jokkupa il-gjardina anness mal-fond 230 Sqaq 5, Triq il-Karmnu, Luqa LQA 1330 tramite fetha li ghamel gol-hajt, b'mod abuziv u illegali, li sar recentement, u dan nonostante li kien gie imwissi sabiex ma jaghmilx dan, permezz ta' ittra legali tas-27 ta' Jannar 2021. Illi ritratti li ttiehdu minn Dr Mark Attard Montalto nhar it-2 ta' Frar 2021 juru din il-fetha. Dan ir-ritratt qieghed jigi esebit bhala **dok HAM 8**.

10. Illi l-intimat kien jaf ben tajjeb li qatt ma kien hemm (jew jekk kien hemm zgur antikament) fetha u/jew bieb ghal din il-gjardina kif wiehed ben jista' jinduna mir-ritratti li gew mehudin minn Dr Mark Attard Montalto u esebiti bhala **dok HAM 5A sa dok 5C inkluzi**. Jidher b'mod car, li qatt ma kien hemm dawra u /jew dehra ta' xi bieb.

11. Illi nonostante diversi abbokkamenti, Alessio Schembri ghadu sallum webbes rasu u l-access (illegali mertu tal-kawza) mill-fond propjeta' ta' Alessio Schembri qieghed miftuh ghall-fond/gjardina propjeta' ta' l-atturi u dan kif jirrizulta minn dan ir-ritratt mehud ukoll minn Dr Mark Attard Montalto nhar it-2 ta' Frar 2021 **dok HAM 8**;

6. Illi Alessio Schembri ghandu l-abieb principali ghall-fond tieghu 228 Sqaq Numru 4 Triq il-Karmnu Luqa li qieghed fir-ritratt **dok HAM 9** mentri l-bieb principali tal-fond/gjardina propjeta' ta' l-atturi jinsab 230 Sqaq Numru 5 Triq il-Karmnu Luqa kif jidher fir-ritratt **dok HAM 10**;

7. Ghaldaqstant, l-atturi kellhom jintavolaw din il-kawza;

Jghidu ghalhekk l-intimat prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neccessarja u opportuna ghaliex din il-Qorti ma ghandhiex -

1. Tiddikjara li l-agir tal-intimat Alessio Schembri jikkostitwixxi spoll ghad-danni tal-atturi fit-termini tal-artikolu 535 tal-Kap 16;

2. Tikkundanna lill-istess konvenut sabiex jerga' jirreintegra lill atturi fil-pussess tad-drittijiet pjeni taghhom tal-gjardina anness mal-fond 230 Sqaq Numru 5, Triq il-Karmnu Luqa, billi jivvaka ghal-kollox minn dawn l-ambjenti;

3. Tordna lill-konvenut Alessio Schembri sabiex jaghmel ix-xoghlijiet necessarji u opportuni sabiex jaghlaq il-bieb (li fetah b'mod abuziv u illegali) bejn il-gjardina mertu tal-kawza propjeta' ta' l-atturi, u l-kamra li ghandu l-intimat li jmiss mal-gnien propjeta' tal-atturi, u dan a spejjez pjeni ta' l-istess konvenut, entro terminu qasir u perentorju. . Fin-nuqqas li l-

intimat jonqos li jaderixxi ma' din l-ordni entro it-terminu stabbilit mill-Qorti, tawtorizza lill-atturi sabiex a spejjez interament tal-intimat jaghmlu x-xogholijiet necessarji li hemm bzonn isiru sabiex tinghalaq l-access u dan prevja u jekk hemm bzonn bl-opera ta' periti nominandi u that kwalunkwe provvedimenti ohra opprtuni u necessarrji li din il-Qorti thoss li huma idoenji fic-cirkostanzi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt in subizzjoni.'

Rat ir-risposta guramentata tal-intimat Alessio Schembri (K. I. 326049M) li taqra kif isegwi:

i. 'Illi huwa proprjetarju tal-gardina in kwistjoni li huwa akkwista minghand Victoria Gatt b'kuntratt tat-12 ta' Ottubru 2020 fl-atti tan-Nutar Dottor Daniel John Bugeja, li kopja tieghu qed tigi hawn anness.a u mmarkata bhala Dok. AS1.

ii. Illi Vittoria Gatt wirtet lill-mejjet huha Carmelo Gatt, li miet fis-26 ta' Frar 2015 u li bis-sahha tat-testment tieghu tad-9 ta' Dicembru 2008 fl-atti tan-Nutar Philip Said tad-9 ta' Dicembru 2008, DokumentAS4 hawn anness, huwa halla legat ta' sehemu mid-dar bil-gnejna mniffda kif

jirrizulta mir-ritratti hawn annessi u mmarkati bhala Dokument AS2 u AS3.

iii. Illi ghandu jinghad illi mad-dar in kwistjoni, ossia 228, Alley 5, Triq il-Karmnu, Hal-Luqa, kien hemm din il-gnejna kif jirrizulta mill-istess ritratti.

iv. Illi meta inbiegh il-garaxx fi Triq Dun Guzepp Callus gja Dun Guzepp Micallef, li kien jgib in-numru 9, Hal-Luqa, u li kien jinfed mal-gnejna u fond in kwistjoni, l-imsemmija Victoria Gatt ghalqet dan il-bieb in kwistjoni b'mod temporanju, kif wkoll ix-xatba kif jirrizulta mir-ritratti annessi.

v. Illi Vittoria Gatt sussegwentement marret lejn l-Awstralja u ghalhekk iccirkondat hwejjigha bil-mod kif fuq deskritt. Sussegwentement, Francis Farrugia ipprova jikkapparra din il-gardina u b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati fl-ismijiet Pulizija vs Carmelo Gatt tad-19 ta' Mejju 2010, li kopja taghha qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dokument AS6, gie liberat mill-akkuzi li huwa fixkel lilu fil-pussess ta' hwejgu billi bidel is-sokor li kien jifforma parti mill-fond imsemmi, stante li l-proprjeta in kwistjoni kienet dejjem proprjeta tieghu

vi. Illi Francis Farrugia kien jidhol mix-xatba in kwistjoni wara li qala l-gebel kif jirrizulta mir-ritratt Dokument AS3, li kienet ghamlet l-istess Vittoria Gatt.

vii. Illi l-giardina ghandha kejl ta' 13m x 7m, skond Dokument AS5 hawn anness, waqt li l-kuntratt prodott mill-istess rikorrenti, Dokument HMIA ma jirrizultax li kien hemm giardina imma l-fond akkwistat mir-rikorrenti.

viii. Illi l-principji bazilari tal-azzjoni ta' spoll gew ikkonfermati diversi drabi fis-sentenzi nostrali, ibbazati fuq l-Artikolu 534 tal-kap 16 u l-Artikolu 791 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u huma bbazati fuq it-tlett rekwisiti tal-actio spolii u cioe`:

(i) possedesse
(ii) spoliatum fuisse
(iii) infra bimestre deduxisse

ix. Illi l-fetha in kwistjoni saret fil-11 ta' Dicembru 2020 kif jirrizulta mid-Dokument AS7 hawn anness u infethet minn Jesmond Abdilla.

x. Illi din l-azzjoni ma saritx entro x-xahrejn stabbilit mil-Ligi. L-art dejjem kienet fil-pussess tal-mittenti u huwa

Francesco sive Francis Farrugia u warajh Grezzju Gatt li effetivament spoljaw lill-intimat u qablu lil Vittoria Gatt.

xi. Salv eccezjonijiet ohra u bl-ispejjez.'

Rat illi fil-verbal datat 19 ta' April, 2023 ir-rikors gie differit ghat-28 ta' Marzu 2024 ghad-decizjoni bil-fakulta' tal-partijiet li jipprezentaw noti ta' sottomissjonijiet b'termini mposti fuqhom;

Rat illi permezz tal-avviz datat 10 ta' Awwissu 2023 ir-rikors gie rikjamat ghal-lum ghad-decizjoni;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet esebiti fl-atti;

Rat l-atti kollha u ai fini ta' kjarezza tirrileva fli fl-atti il-fol. 113 sa 112 huma ripetuti fl-atti.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-kawza odjerna tikkonsisti f'kawza ta' allegat spoll, vjolenti u klandestin fejn ir-rikorrenti jsostnu li huma s-sidien tal-fond bl-indirizz 230, Sqaq Numru 5, Triq il-Karmnu, Luqa li jiddeskrivu

bhala dar u giardina maghha liema fond huwa mikri minnhom lil certu Grezzju Gatt li twieled fil-fond u kien jghix fih mal-genituri tieghu u ghadu jghix fih sal-lum. Ir-rikorrenti jsostnu li f'Jannar 2021 Grezzju Gatt innota xi toqob fil-hajt tal-giardina u nfurmahom mill-ewwel b'dak li qed jigri. Ir-rikorrenti baghtu lil Dr. Mark Attard Montalto jiehu xi rtiratti ta' dawn it-toqob u nterpellaw lil Alessio Schembri sabiex jieqaf milli jkompli jaghmel fetha fil-hajt tal-giardina in kwistjoni. Izidu li granet wara Grezzju Gatt infurmahom li sab il-bieb miftuh fl-istess hajt u post fejn kienu saru t-toqob precedentement. Isostnu ghalhekk li b'dawn l-atti sehh spoll, vjolenti u klandestin fil-konfront tal-proprjeta' fil-pussess taghhom u jitolbu li din il-Qorti ssib lill-intimat responsabbli tal-istess u tordna r-ripristinazzjoni tal-*istatus quo ante.*

Rat illi l-intimat fl-ewwel lok jeccepixxi li l-giardina in kontestazzjoni hija proprjeta' tieghu wara li allegatament huwa xtara l-istess flimkien ma' proprjeta' adjacenti minghand Vittoria Gatt. Dwar l-allegat spoll isostni li l-fetha in kontestazzjoni fil-hajt li jaghti ghall-gewwa l-giardina saret fil-11 ta' Dicembru 2020 b'dana li allura l-element tal-*infra bimestre deduxisse* mhux sodisfatt u l-pretensjonijiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda.

**Provi:**

Il-Qorti rat a fol. 5 et seq tal-process ir-ricerki esebiti mir-rikorrenti li jevidenzjaw skont huma d-derivazzjoni tal-proprjeta' tal-giardina in kwistjoni a favur taghhom. Rat ukoll id-dokumentazzjoni a fol. 107 li tevidenzja li fir-rigward tal-istess proprjeta' tithallas kera minghand certu Carmelo Gatt u llum din tinsab f'idejn ibnu Grezzju Gatt.

Rat a fol. 108 et seq ir-rapport li sar mal-Pulizija minn Grezzju Gatt (l-inkwilin tar-rikorrenti) fejn irraporta li nhar it-23 ta' Jannar, 2021 kif isegwi:

'stqarr illi huwa jiehu hsieb daqxejn ta' gnien mar-residenza tieghu u kien hemm certu Lezzju Shcembri illli kien ha parti min din l gnien bhal wirt min ghand ohtu.

Dan kien talbu kopja tac-cavetta biex hu ikun jista jghamel uzu tal-access ta din il-gnien u huwa wiegbu lura illi jekk irid xi cwievet mhux hu ghandu itijhomlu izda sid il-propjeta u dan gie miftijhem bejniethom li kien ha jitlobhom lis-sid. Il-pfr kompla zied illi illum Lessju kelmu rigward li kien ser waqqa parti mic-cint biex dan ikun jista jiftah bieb ghal-parti tieghu u Grezzju waqfu milli jaghmel dan ghaliex kien ha jithol fil-parti tieghu.

Grezzju kellem lil avukat u dan infurmah biex jaghmel rapport ta' referenza ghal-jekk Lessju ikolla jwaqqa ic-cint xorta wahda.'

Rat ir-ritratti a fol. 111 et seq tal-process li Dr. Mark Attard Montalto fl-atti jikkonferma li hadhom hu stess u bil-gurament isostni li dawn ittiehdu nhar il-25 ta' Jannar, 2021 (ara wkoll fol. 159). Il-Qorti rat li f'dawn ir-ritratti ghadu jidher il-hajt tal-giardina in kwistjoni intatt ghajr ghal toqba zghira bejn kantun u iehor f'nofs il-hajt.

Rat l-ittra nterpellatorja datata 27 ta' Jannar, 2021 (fol. 114) mibghuta lill-Avukat tal-intimat minn Dr. Mark Attard Montalto datata 27 ta' Jannar, 2021 fejn f'din l-ittra qed jinghad kif isegwi:

'Ninforma lill-klijent tieghek sabiex immedjatament ikahhal it-toqba zghira li ghamel f'nofs il-hajt antik, billi l-azzjoni tieghu jikkostiwixxi spoll vjolenti u klandestin.'

Rat ir-rapport a fol. 115 et seq tal-process din id-darba datat 28 ta' Jannar, 2021 (kopja ohra tieghu a fol. 172 et seq tal-process) fejn l-istess Grezzju Gatt irraporta:

'illi huwa jiehu hsieb daqxejn ta' gnien mar-residenza tieghu u kien hemm certu Lessju Schembri illi sabu fetah il-bieb minn gol gardina li taghti ghal bicca tieghu stess igifieri ta Lessju.'

Rat ir-ritratt a fol. 117 tal-process li juri l-hajt in kwistjoni lest, liema ritratt ukoll bil-gurament tieghu fl-atti l-Avukat Mark Attard Montalto jsostni li dan ittiehed nhar it-2 ta' Frar, 2021 (ara wkoll fol. 160 tal-process).

Rat a fol. 120 et seq tal-process il-kuntratt ta' bejgh fl-atti tan-Nutar Dottor Daniel John Bugeja bejn certa Victoria Gatt u l-intimat Alessio Schembri datat 12 ta' Ottubru, 2020 fejn fih jinghad li l-intimat xtara kif isegwi:

'Tlett partijiet minn sebgha 3/7) tal-fond numru mitejnu tmienja u ghoxrin (228) li jinsab go sqaq numru hamsa (5) Triq il-Karmnu Luqa, liberu u frank bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tieghu nkluz il-gardina annessa mieghu.'

Rat li ma gietx annessa pjanta ma' dan il-kuntratt.

Rat ir-ritratti esebiti mill-intimat a fol 125 et eq tal-process liema ritratti, skont l-intimat, juru l-hajt fejn qabel kien hemm bieb ezistenti ghal din il-giardina u ritratti li allegatament juru din il-fetha qed tigi maghluqa mill-aventi causa tieghu.

Rat id-dokumentazzjoni l-ohra annessa mar-risposta guramentata inkluz kopja ta' akkuza fil-konfront ta' Carmel Gatt li ggib id-data tal-14 ta' Dicembru, 2006 a fol. 130 tal-process. Rat l-ircevuta datata

11 ta' Diċembru, 2020 a fol. 131 tal-process liema rcevuta tidher mahruga f'isem l-intimat minn certu J. Abdilla u taqra kif isegwi:

'ftuh ta bieb ta 228 Carmel Str. Alley 5 Luqa.'

Rat l-**affidavit ta' Grezzju Gatt** iben il-mejjet Carmelo Gatt a fol. 138 et seq tal-process. Jghid li ilu jghix fil-fond 230 Triq Il-Karmnu, Sqaq Numru 5, Hal Luqa hajtu kollha u li ghandu 68 sena. Jaf li l-fond huwa di proprjeta' tar-rikorrenti. Isostni li mal-fond hemm giardina li tinfed mal-istess dar. Dwar l-allegat spoll isostni kif isegwi:

'4. Illi fil-22 ta' Jannar 2021 bdejt ninnota li mal-hajt tieghi tal-fond li jmiss ma' propjeta' ta' Alessio Schembri, kien hemm toqob fejn qabel kien hemm it-tikhil. Dawn it-toqob dehru friski u jiena fil-fatt avvicinajt lil Alessio Schembri sabiex jaghlaqhom.

5. Jiena ghidtlu li ma tistax tnehhi t-tikhil u ma tistax tidhol go hwejgi. Ghidtlu ukoll li qed tiksirli l-privatezza tieghi.

6. Dan Alessio Schembri qalli li hawn xtrah. Kont ghidtlu sabiex ma jidholx go hwejgi, u informajtu li sid il-fond huwa Hugh Attard Montalto u hutu. Avvzajtu sabiex ma jkomplix jaghmel xogholijiet ghax inkella kont ser naghmillu rapport mal-Pulizija.

7. Alessio Schembri skond kif qalli, akkwista l-fond 228 Sqaq 4 Triq il-Karmnu Luqa recentement in parti b'wirt minghand Marie Gatt (li tigi kugina ta' missieri) u in parti xtara u akkwista s-sehemijiet ohrajn minghand hut Marie Gatt.

8. Illi Alessio Schembri ghalhekk ilu hawn mhux aktar minn sena jew sena u nofs.

9. Alessio Schembri anki stedinni sabiex jiena nih ic-cavetta tax-xatba. Kont ovvjament irrifjutajt. Kont ghidtlu wkoll li verament ma jaf x' qieghed jghid.

10. Jiena kont kellimt lil Hugh Attard Montalto, u Hugh Attard Montalto kien qalli sabiex jiena mmur naghmel rapport mal-Pulizija. Jiena hekk ghamilt u kien talabni fuq parir ta' I-avukat tieghu sabiex ma naghti ebda cwievet.

11. Illi xi granet wara, meta jiena kont illargat mid-dar u mort l-ghalqa, insib bieb miftuh ghal gol-gjardina propjeta' li jiena nikri.

12. Dan kien sar bis-satar tieghi u sar b'mod abuziv u illegali minghajr il-kunsens u l-konoxxenza tieghi.

13. Illi jiena ergajt kellimt lil Hugh Attard Montalto li qabadni ma' kuginuh Mark Attard Montalto, li wkoll ma kien jaf xejn u talabni sabiex inkellem direttament lill-kuginuh.

14. Dak iz-zmien Hugh Attard Montalto ma kienx jiflah u kien sejjer jew kien rikoverat I-Isptar Mater Dei.

15. Jiena kont ftiehmt ma' kuginuh sabiex niltaqghu fuq il-post, u kuginuh Dr Mark Attard Montalto (li huwa avukat) gie jiltaqa' mieghi Hal-Luqa.

16. Niftakar li Dr Mark Attard Montalto ha xi ritratti u talabni sabiex inzommmu informat b'kollox.

17. Talabni ukoll sabiex immur l-Ghassa tal-Pulizija Luqa sabiex nerga' naghmel rapport ulterjuri.'

Ikompli jispecifika li hu kemm ilu haj dejjem jaf din il-giardina mal-fond li jghix fih hu u bhala proprjeta' tar-rikorrenti. Izid li jaf li madwar erbghin sena ilu kien hemm kwistjoni fuq l-istess ma' certu Karmnu Gatt li kien fetah bieb ghal gol-giardin u din kienet spiccat il-Qorti u dan Karmnu Gatt kellu jaghlaq il-bieb. Jinsisti li x-xoghlijiet ma saru f'Dicembru 2020 kif jghid l-intimat izda li l-bieb infetah fi Frar, 2021 u li sal-ahhar ta' Jannar, 2021 kien hemm biss toqba zghira.

Rat li dan ix-xhud xehed in kontro-ezami a fol. 185 et seq tal-process. Jaf li mit-triq l-ohra kien hemm Victoria Gatt gara tieghu

qabel ma marret l-Awstralja hames snin qabel. Jghid li sa fejn jaf hu d-dar li kienet toqghod fiha kellha garaxx maghha li kien ta' huha mbaghad wirtitu. Id-dar ma kienx jinfed mad-dar. Jaf li Carmel Gatt (li kien huha) kien xi zmien fetah bieb ghal gewwa l-giardina u jitlaq il-klieb tal-fenek fiha. Dwar l-ispoll jghid li l-bieb ma nfetahx f'Dicembru 2020 kif qed jigi suggerit lilu izda fit-28 ta' Jannar, 2021 ghax jiftakar. Kien ghamel rapport l-ghassa dak in-nhar li fethuh. Ma jafx li tela jixhed fuq xi proceduri li kienu saru kontra Carmel Gatt meta kien hu li fetah bieb. Jghid li f'dan il-kaz kien l-intimat Alessio Schembri li fetah il-bieb.

Grazio Gatt kompla jixhed in kontro-ezami a fol. 202 et seq tal-process. Jghid li r-rikorrenti lilu krewlu kemm id-dar kif ukoll il-giardina. Dwar il-bieb li jidher fir-ritratti a fol. 191 et seq tal-process (u li ghalihom ssir referenza aktar l-isfel) jghid li dak il-bieb kien il-mejjet Karmnu Gatt li ghalqu u kien jaghti ghal garaxx. Jixhed li dan il-garaxx kien inbiegh. Jghid li lilu hadd ma ghalaqlu twieqi u li qatt ma kien hemm twieqi ghal fuq il-gardina. Il-giardina rrangha hu ghaliex kienet mitluqa. Skont dan ix-xhud il-bieb u t-tieqa mbarrati li jidhru fir-ritratti a fol. 191 ilhom maghluqa madwar seba' u ghoxrin sena jew aktar. Izid li x-xatba sabiex hu jaccedi fil-gardina kien irrangaha hu fiz-zmien li Victoria Gatt kienet ghadha Malta u kienet ghadha hajja ohthom Marie Gatt. Jixhed li meta rranga l-giardina lilu hadd ma kellmu. Skonthu l-bieb bit-turgien ilu mbarrat madwar erbghin sena. Jghid li qabel kulhadd kien

jidhol. Izid li t-tlett turgien jaghtu ghall-garaxx li kien ta' Karmnu Gatt. Jichad li qatt ra lil xi hadd fil-gardina. Ma jafx bil-kawza li r-rikorrenti fittxew lil Karmenu Gatt. Jaf li ta' Gatt xebghu jitolbuha lil ta' Attard Montalto biex jixtruha izda dejjem irrifjutaw li jbieghu. Jaghmel referenza ghar-ritratti esebiti mir-rikorrenti li juru bieb isfar u dawk li juru l-bieb maghluq a fol. 191 et seq u jikkonferma li m'humiex l-istess bieb.

Rat l-affidavit ta' Hugh Attard Montalto a fol. 140 et seq tal-process li jispjega kif il-prorprjeta' ddevolviet fuq ir-rikorrenti. Jikkonferma wkoll li sa minn dejjem jaf lil Grezzju gAtt jghid fil-fond in kwistjoni u li l-giardina in kwistjoni minn dejjem jafha bhala parti integrali tal-fond 230 Sqaq 5 Triq il-Karmnu Luqa. Jghid li meta kellmu Grezzju Gatt fuq it-toqba li saret fil-hajt tal-giardina fit-23 ta' Jannar, 2021 huwa dderigih sabiex ikellem lil kuginuh Dr. Mark Attard Montalto stante li hu kien rikoverat. Jinsisti li t-telefonati dwar il-ftuh tat-toqba fil-hajt tal-giardina huwa rceviha minghand Grezzju Gatt fl-ahhar gimghat ta' Jannar, 2021 w'ghalhekk zgur li l-bieb ma setax kien miftuh f'Dicembru ta' qabel kif qed isostni l-intimat.

Rat l-**affidavit ta' Dr. Mark Attard Montalto** a fol. 145 et seq tal-process li permezz tieghu jikkonferma li huwa ha r-ritratti esebiti mar-rikors guramentat u li huwa ha r-ritratti tat-toqba biss fil-hajt nhar is-26 ta' Jannar, 2021 bit-telefon tieghu u li l-bieb lest huwa rah l-ewwel darba nhar it-2 ta' Frar, 2021 u ha r-ritratti tieghu esebiti

mar-rikors guramentat. Jghid li Grezzju Gatt lilu nfurmah li l-bieb kien infetah nhar it-28 ta' Jannar, 2021. L-istess xhud a fol. 159 tal-process jesebixxi estratti tar-ritratti mill-mobajl tieghu sabiex jikkonferma bl-ezatt id-dati tar-ritratti mehuda minnu fejn ir-ritratti tat-toqba fil-hajt jidher li jgibu d-data tal-25 ta' Jannar, 2021 filwaqt li dawk tal-bieb lest miftuh igibu d-data tat-2 ta' Frar, 2021.

Rat ix-**xhieda tal-intimat Alessio Schembri** a fol. 147 et seq tal-process. Huwa bl-ebda mod ma jichad li fil-fatt kien hu li fetah il-bieb in kontestazzjoni bejn il-partijiet. Dwar il-fond proprjeta' tieghu adjacenti ghall-giardina bl-indirizz 228, Carmel Street, Luqa jghid li huwa wirtu madwar sentejn qabel u ilu jghix fih sentejn. Mistoqsi jekk il-bieb sarx f'Jannar, 2021 jghid li huwa ma jafx ezatt id-dati imma li kellu rcevuta. Jikkonferma li kien hu li qabbad il-xi hadd jaghmel il-bieb. B'referenza ghar-ritratti esebiti a fol. 125 u 126 huwa jghid li fejn jidher tarag u bieb dak huwa fejn kien jezisti l-bieb qabel mbaghad inghalaq. Jghid li dawn ir-ritratti kienu ttiehdu minn Victoria Gatt qabel ma marret l-Awstralja u li din ilha li telqet madwar hames snin. Izid li kienet l-istess Victoria Gatt li qabel siefret ghalqet il-hitan.

Mistoqsi jekk qabel infetah il-bieb in kontestazzjoni ghal gol-giardina in kwistjoni huwa kellux pussess u jekk qattx kien dahal jghid:

'Gol-gardina ma dhalt qatt. Ma dhalt qatt f dawn l-ahhar sentejn imma ghax ma kontx naf il-balbuljata li saret, li waqqghu l-hajt, u skwatjawh u qabdu u dahlu. U mbaghad wara kif sirt naf kollox x'hin bghatitli r-ritratti u dik kollox mill-Awstralja, qaltli dik hallast anka erbat elef (4,000) taxxa fuqha. Hallset.'

Dwar l-ircevuta datata 11 ta' Dicembru, 2020 jghid li harigha dak li ghamillu l-bieb li joqghod fil-kantunier hemm stess u li jismu J. Abdilla. Skont l-intimat din l-ircevuta nharget lilu wara li kien tlesta x-xoghol tal-bieb u wara li hallsu ghaliex hadd ma hu ser ihallas tax-xoghol qabel.

Rat in-nota a fol. 162 tal-process u d-dokumentazzjoni annessa mal-istess li skont ir-rikorrenti tevidenzja li fir-rigward tal-venditirici aventi kawza tal-intimat, missierha George Gatt kien miet intestat u li qatt ma sar kuntratt causa mortis nononstante li gie dikajrat hekk fil-kuntratt ta' bejgh bejnha u bejn l-intimat.

Rat ix-**xhieda ta' Jesmond Abdilla** a fol. 176 et seq tal-proces li jikkonferma li hu ilu jaf lill-intimat sa minn meta kienu ghadu tifel. Jghid li l-intimat qallu biex jaghmel il-bieb u skont hu sar f'Dicembru tas-sena 2020. B'referenza ghall-ircevuta jikkonferma li din hija rcevuta tieghu u li l-kitba hija tieghu u li d-data fuqha tal-11 ta' Dicembru, 2020 (fol. 131) kitibha hu fuqha. Jghid li l-ircevuta nharget wara li kien spicca x-xoghol u li kienet tikkonsisti biss fi

hlas tal-materjal. Ma harigx ircevuta tal-VAT ghaliex kienu spejjez. Kellu l-materjal fil-garaxx fosthom ramel u siment. Mistoqsi kif jaf li sar f'Dicembru, jghid 'mhux jien hdimtu!'. Jghid li l-bieb l-isfar li jidher fir-ritratti ghamlu hu wkoll u jinsisti li x-xoghol sar f'Dicembru ghaliex jiftakar li kien qabel il-festi u ried ilestih biex fil-festi jmur f'lukanda. Jghid li bhala xoghol huwa fetah il-bieb kif jidher fir-ritratti. Jghid li biex ihallsu bilfors kien lestih ix-xoghol nhar il-11 ta' Dicembru, 2020. Jixhed li Grezzju lilu ma qallu xejn u li jafu wkoll.

Rat ir-ritratti esebiti mill-intimat a fol. 191 et seq tal-process. Fir-ritratt a fol. 191 l-intimat jghid li l-bieb maghluq li jidher fih jidher li kien jinfed mad-dar 228. Il-Qorti rat li l-fond li fuqu qed issir il-kawza igib in-numru 230 w'ghalhekk tifhem li dan il-bieb ma ghandu x'jaqsam xejn ma' dak odjern u li se mai kien jaghti access ghal x'imkien iehor u mhux il-giardina in kwistjoni. Il-Qorti in oltre rat li din il-fetha tidher maghluqa friska filwaqt li mir-ritratti esebiti mir-rikorrenti fejn jidher li saret il-fetha l-hajt jidher ferm li huwa wiehed antik. Ghalhekk kjarament dawn ir-ritratti ma jurux l-istess ambjenti anki jekk minn nahat diversi.

**Bazi legali:**

Illi l-elementi tal-azzjoni ta' spoll vjolenti u klandestin huma regolati bl-Artikoli 535 u 536 tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jiddisponu kif isegwi:

> '535. (1) Jekk persuna tiġi, bil-vjolenza jew bil-moħbi, mneżżgħa mill-pussess, ta' liema xorta jkun, jew mid-detenzjoni ta' ħaġa mobbli jew immobbli, hija tista', fi żmien xahrejn mill-ispoll, titlob, b'azzjoni kontra l-awtur tal-ispoll, li terġa' tiġi mqiegħda f'dak il-pussess jew f'dik id-detenzjoni, kif jingħad fl-artikolu 791 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.
>
> (2) Dan it-tqegħid mill-ġdid fil-pussess jiġi ordnat mill-qorti, wkoll jekk il-konvenut ikun is-sid tal-ħaġa li tagħha l-attur ikun bata l-ispoll.
>
> 536. It-tqegħid mill-ġdid fil-pussess fil-każ imsemmi fl-aħħar artikolu qabel dan, ma jneħħix il-jedd tal-eżerċizzju ta' kull azzjoni possessorja oħra li għaliha jkollu jedd kull pussessur.'.

Illi dwar l-azzjoni ta' spoll vjolenti u klandestin intqal mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza fl-ismijiet **Margherita Fenech -vs- Pawla Zammit** deciza fit-12 ta' April, 1958 illi:

> 'In tema legali jinghad li l-'actio spolii' hija radikata pjuttost

fuq l-ezigenzi ta' utilita' socjali milli fuq il-principju assolut tal-gustizzja, u hija eminentement intiza sabiex tkun estiza l-protezzjoni lil kwalunkwe pussess, u jigi mpedut li cittadin privat jiehu l-gustizzja f'idejh; b'mod li l-fini taghha huwa dak illi jigi restawrat l-istat tal-pussess li jkun gie skonvolt jew turbat;

L-art.572 (illum 535) tal-Kodici Civili, li jikkontempla din l-azzjoni, huwa ndubbjament ta' ordni publiku, u huwa inerenti ghall-fatt ta' min b'awtorita' privata jaghmel ghad-dannu ta' terza persuna att li, ghalkemm jista' jkollu dritt ghalieh, ma jkunx jista' jezercitah minghajr l-intervent tal-Qrati (ara Kassazzjoni Torin 1 ta' Awissu 1879 in re Borboglio vs. Fischt, Volum XIII, P.1, pag.555 tal-Annali tal-Gurisprudenza). Ma' dan l-artikolu fuq imsemmi tal-ligi citata, ma ghandux jigi minsi l-art. 794 (illum 791) tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili, li jahseb u jghid li kontra l-azzjoni ta' spoll ma humiex ammissibbli hlief eccezzjonijiet dilatorji – dak li huwa konfermat mill-gurisprudenza lokali u estera (ara Vol.XXXI.I.296 Appell 8 ta' Marzu 1943, in re "Francesco Mifsud vs Michele Cassar"; Vol.XXI.II.83 P'Awla Civili, 20 ta' April 1916, in re 'Michelina Falzon vs Giuseppe Bonello et.' konfemata fl-Appell fis-26 ta' Marzu 1917; Kassazzjoni Palermo 27 ta' Ottubru 1899, in re Decarcano vs.Cafici, Foro Catanese Vol.1889, pagna 124;u dan

biex inghataw xi sentenzi);.....’.

Illi mis-suespost johorgu t-tlett (3) elementi rikjesti sabiex azzjoni ta’ spoll privilegjat tirnexxi, u cioe’:

i. **Actor docere debet possedisse** – il-pussess;

ii. **Spoliatum fuisse** – l-azzjoni spoljattiva li tkun saret bil-mohbi jew kontra l-volonta’ tal-attur; u

iii. **Infra bimestre deduxisse** – li l-azzjoni ssir fi zmien xahrejn minn meta jkun sehh l-ispoll.

It-tlett (3) elementi ndikati jridu jissussistu kumulativament. F’kaz li wahda mill-elementi hija mankanti, l-azzjoni ta’ spoll privilegjat ma tirnexxix. Hekk inghad fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Tabone -vs- Joseph Flavia sive de Flavia** deciza mill-Qorti tal-Appell nhar is-7 ta’ Marzu, 1958 illi:

> ‘Jekk imqar xi wiehed minn dawn ir-rekwiziti essenzjali ma jigix ppruvat, l-azzjoni taqa’ minghajr ma jkun hemm bzonn li jigi ndagat jekk jirrikorrux anki r-rekwiziti l-ohra.’.

**Ikkunsidrat ulterjorment fil-mertu:**

Illi fl-ewwel lok il-Qorti tirrileva li l-intimat Alessio Schembri fl-atti prova jressaq provi dwar id-derivazzjoni tal-giardina in kwistjoni sabiex jipprova jevidenzja li din l-art mihiex proprjeta tar-rikorrenti izda proprjeta' tal-aventi causa tieghu u llum proprjeta' tieghu. Il-Qorti tqis li tali provi ghandhom jitressqu se mai f'kawza petitorja u mhux fil-kawza odjerna fejn ir-rikorrenti jehtigilhom jippruvaw biss il-pussess fuq il-giardina in kwistjoni.

Pussess: -

Illi dwar il-pussess tar-rikorrenti rrizulta ampjament mill-provi li din il-giardina ilha ghal numru ta' snin twal fil-pussess biss ta' Grezzju Gatt li ghandu access ghaliha mill-proprjeta' mikrija lilu minghand ir-rikorrenti. Fil-fatt jirrizulta li ghal snin twal Grezzju Gatt qies din il-giardina bhala formanti parti integrali mill-proprjeta' mikrija lilu minghand ir-rikorrenti.

Illi minn naha tal-intimat, huwa stess jammetti li qabel ma fetah il-bieb li huwa suggett ghal dan l-ispoll huwa qatt ma kien rifes f'din il-giardina. In oltre rrizulta li jekk xi darba l-aventi causa tieghu kienu accedew ghal din il-giardina dan kien ghexieren ta' snin ilu minn Carmel Gatt.

Illi minn dak suespost jirrizulta lill-Qorti li l-uniku persuna li kellu pussess tal-giardina in kwistjoni fil-mument tal-allegat spoll kien

Grezzju Gatt. Bis-sahha tal-fatt li Grezzju Gatt jikri minghand ir-rikorrenti isegwi li l-pussess isejjah ukoll lill-istess rikorrenti u lil hadd aktar. Il-Qorti hija ghalhekk sodisfatta li l-element tal-pusess gie sodisfatt.

Spoliatum Fuisse:-

Illi mir-ritratti mehuda mill-Avukat Dr. Mark Attard Montalto esebiti fl-atti (fol. 111 il-quddiem) u wkoll mir-rapporti (fol 108 u 115) li saru mal-Pulizija l-Qorti tqis li gie sodisfacentement ppruvat li fejn qabel kien hemm hajt tal-gebel antik f'xi mument gie mqatta dan il-hajt u floku tpogga bieb ta' lewn isfar.

Illi da parti tieghu l-intimat ma jichadx li huwa ghamel dan il-bieb u li dan ghamlu minghajr il-kunsens tar-rikorrenti jew ta' Grezzju Gatt li jikri l-fond u l-giardina. L-ittra interpellatorja a fol. 114 tal-process datata 27 ta' Jannar, 2021 anzi tevidenzja li l-intimat nonostante li gie interpellat sabiex jaghlaq it-toqob fil-hajt li kien ghadu ghamel sa dakinhar, webbes rasu u baqa' ghaddej bil-hsieb tieghu u fetah il-bieb. Il-Qorti ghalhekk tqis li anki l-element tal-*ispoliatum fuisse* gie sodisfatt.

*Infra Bimestre Deduxisse:-*

Illi l-akbar kontestazzjoni bejn il-partijiet fil-kaz odjern hija dwar meta effettivament infetah il-bieb in kwistjoni. Ir-rikorrenti jsostnu li dan kien lejn l-ahhar ta' Jannar 2021 filwaqt li l-intimat jghid li fil-11 ta' Dicembru 2020 il-bieb kien lest ghaliex ghandu l-ircevuta tal-hlas li ghamel lill-haddiem sabiex fetah l-istess bieb. Illi huwa evidenti li f'dan ir-rigward il-versjonijiet tal-partijiet huma kompletament konfliggenti ghalhekk din il-Qorti trid tgharbel il-provi fl-atti sabiex tqis liema versjoni ghandha mis-sew u liema le.

Illi da parti taghhom ir-rikorrenti, bhala prova dwar meta nfetah il-bieb in kwistjoni, ressqu ix-xhieda ta' Grezzju Gatt u ta' Dr. Mark Attard Montalto flimkien ma' ritratti mehuda mill-istess Dr. Mark Attard Montalto. Ressqu wkoll bhala prova zewg rapporti li saru mal-pulizija.

Il-Qorti rat li Grezzju Gatt fl-affidavit tieghu u fil-kontro-ezami isostni li meta huwa nnota t-toqob fil-hajt mill-ewwel informa lir-rikorrenti li qabbduh ma' Dr. Mark Attard Montalto li qallu sabiex imur jaghmel rapport mill-ewwel. Fil-fatt fl-atti a fol. 108 tal-process gie esebiti rapport li sar minn Grezzju Gatt mal-pulizija nhar it-23 ta' Jannar, 2021 fejn huwa rraporta li kien sab toqob fil-hajt in kwistjoni. Sabiex jikkorobora dak li sehh mill-atti jirrizulta li Dr. Mark Attard Montalto attenda fuq il-post u wkoll ha ritratti ta' dawn it-toqob nhar il-25 ta' Jannar, 2021. Id-dokument a fol. 159 tal-process, li huwa estratt mill-mobajl tieghu stess, ma jhalli l-ebda

dubju li r-ritratti tal-hajt li fih kien hemm biss toqba ittiehed fil-jum tal-25 ta' Jannar, 2021. Din il-Qorti tqis din il-prova bhala wahda veritiera. L-ittra interpellatorja datata 27 ta' Jannar, 2021 esebita a fol. 114 tal-process tkompli ssahhah l-argument li sal-25 ta' Jannar, 2021 kien hemm biss it-toqob stante li l-intimat gie nterpellat sabiex jaghlaq l-istess u mkien ma jissemma li sa dakinhar kien infetah xi bieb.

Grezzju Gatt kompla fl-atti jixhed li kien fit-28 ta' Jannar, 2021 li huwa sab il-bieb miftuh. Dwar dan ghamel ukoll rapport mal-pulizija li jgib l-istess data esebit darbtejn fl-atti odjerni a fol. 115 u 172 tal-process. Huwa ghalhekk car li kien bejn il-25 ta' Jannar, 2021 u t-28 ta' Jannar, 2021 li l-istatus quo tal-hajt giet mibdula ghaliex ir-ritratti mehuda minn Dr. Mark Attard Montalto nhar il-25 ta' Jannar, 2021 huma prova inkomfutabbli ta' x'kien hemm fuq il-post sa dik il-gurnata.

Il-Qorti rat li x-xhud Dr. Mark Attard Montalto rega' acceda fil-giardina nhar it-2 ta' Frar, 2021 u ha ritratti tal-hajt li issa fih kienet saret il-fetha u twahhal bieb isfar. Din il-Qorti ghal darb'ohra tqis li l-prova a fol. 160 li tipprovdi kopja tal-mobajl tax-xhud u turi meta ttiehdu r-ritratti hija wahda veritiera.

Illi da parti tal-intimat Alessio Schembri, bhala prova dwar meta suppost huwa fetah il-hajt, iressaq ircevuta ta' certu J. Abdilla a fol.

131 ergo li tidher li ggib id-data tal-11 ta' Dicembru, 2020. Salv ghal din l-prova l-Qorti rat li meta l-intimat Alessio Schembri gie mistoqsi meta nfetah l-hajt huwa kien ferm dubjuz u qal li ma kienx ser joqghod jiftakar imma kellu l-ircevuta. Fl-atti a fol. 176 xehed ukoll Jesmond Abdilla li jsostni li kien hu li fetah il-bieb fuq ordni ta' Alessio Schembri. Jghid li l-ircevuta msemmija harigha hu tal-materjal u mhux ta' xoghlu. Skont dan ix-xhud l-ircevuta harget nhar il-11 ta' Dicembru, 2020 ghaliex ix-xoghol kien lest u jiftakar li kienu gejjin il-festi u ried jehles ghaliex ried imur go lukanda.

Illi din il-Qorti ghalhekk hija rinfaccjata b'ritratti u rapporti mal-pulizija li ma jhallu l-ebda dubju li l-bieb infetah lejn l-ahhar ta' Jannar, 2021 u rcevuta minghajr xejn aktar li fuqha nkitbet id-data tal-11 ta' Dicembru, 2020. Il-Qorti tqis li l-ircevuta waheda minghajr ebda prova ohra mihiex bizzejjed sabiex tikkontradixxi l-provi mressqa mir-rikorrenti. Il-Qorti tqis li l-intimat, li kieku verament ried jikkorroba aktar dik l-ircevuta, seta' esebixxa l-ktieb tal-ircevuti minn fejn din harget sabiex forsi b'xi mod jevidenzja li verament dik l-ircevuta nharget fil-gurnata li hemm miktub fiha billi wiehed iqabbel id-data tal-ircevuta ta' qabel u dik ta' wara izda dan ma sarx.

Illi fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet kollha suesposti, stante li din il-Qorti temmen il-versjoni tar-rikorrenti li l-bieb infetah lejn l-ahhar ta' Jannar, 2021 tqis li l-intimat Alessio Schembri ma kienx qed

jixhed il-verita' dwar meta nfetah il-bieb u wisq anqas kien qed jixhed il-verita Jesmond Abdilla. Anki jekk se mai ghall-grazzja tal-argument l-ircevuta verament inharget fil-11 ta' Dicembru, 2020 stante li din kienet ghall-materjal u mhux ghax-xoghol l-argument tal-intimat li hadd ma jhallas qabel ma jsir ix-xoghol ma jreggix ghaliex il-materjal seta' gie mixtri qabel ma sar ix-xoghol.

Illi in vista li dan il-Qorti qed tikkonkludi li t-toqob fil-hajt saru nhar it-23 ta' Jannar, 2021 u l-bieb infetah fit-28 ta' Jannar, 2021 u stante li l-kawza odjerna giet intavolata nhar l-10 ta' Marzu, 2021 jirrizulta ghalhekk li l-element tal-*infra bimestre deduxisse* gie wkoll sodisfatt.

**Konkluzjoni:**

Ghaldaqstant stante li jirrizulta li l-elementi kollha neccessarji sabiex tirnexxi l-kawza ta' spoll tentata mir-rikorrenti gew sodisfatti l-Qorti ser tghaddi sabiex tichad l-eccezzjonijiet tal-intimat u tilqa' t-talbiet kollha tar-rikorrenti.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet kollha suesposti il-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeciedi l-kawza odjerna kif isegwi:

1. Tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-intimat Alessio Schembri;

2. Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti u tiddikjara li l-agir tal-intimat Alessio Schembri jikkostitwixxi spoll ghad-danni tar-rikorrenti fit-termini tal-artikolu 535 tal-Kap 16;

3. Tilqa' t-tieni talba u tikkundanna lill-intimat Alessio Schembri sabiex jerga' jirreintegra lir-rikorrenti fil-pussess tad-drittijiet pjeni taghhom tal-giardina annessa mal-fond 230 Sqaq Numru 5, Triq il-Karmnu Luqa, billi jivvaka ghal kollox minn dawn l-ambjenti;

4. Tilqa' t-tielet talba tar-rikorrenti u tordna lill-intimat Alessio Schembri sabiex jaghmel ix-xoghlijiet necessarji u opportuni sabiex jaghlaq kompletament il-bieb bejn il-giardina mertu tal-kawza fil-pussess tar-rikorrenti u l-kamra li ghandu l-intimat li tmiss mal-istess gnien tar-rikorrenti billi jirripristina l-hajt bil-gebel kif kien minghajr ebda aperturi u dan a spejjez pjeni ta' l-istess intimat u dan entro t-terminu massimu ta' xahrejn mil-lum. Fin-nuqqas li l-intimat jonqos li jaderixxi ma' din l-ordni entro it-terminu stabbilit mill-Qorti, l-Qorti qed tawtorizza lir-rikorrenti sabiex a spejjez interament tal-intimat jaghmlu x-xoghlijiet necessarji li hemm bzonn isiru sabiex jinghalaq l-access u jigi ripristinat il-hajt kif kien u ghal dan il-ghan il-Qorti qed tinnomina lill-Perit Valerio Schembri sabiex jissorvelja tali xoghljiet jekk ikun il-kaz, a spejjez tal-intimat, b'dana li jekk il-Perit iqis li jkun hemm il-bzonn ikollu l-jedd li

jithallas mir-rikorrenti u jkunu r-rikorrenti li jesegwixxu l-hlas mill-intimat.

Bl-ispejjez kollha kontra l-intimat li huwa minn issa ngunt in subizzjoni.'

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**26 ta' Marzu, 2024**

**Cora Catania**
**Deputat Registratur**
**26 ta' Marzu, 2024**